**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU SEBGĦA U GĦOXRIN**

**5 ta' ĠUNJU, 2012**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato, Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda.

**27.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

27.1.1 Il-Minuti tas-seduta numru 26 ġew approvati.

***27.2*** ***Kommunikazzjoni miċ-Chairperson***

27.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li inġabret stima ta' pompa antika biex titwaħħal bħala ornament. Tali stima tlaħħaq l-€1,701.56.

Kien hemm qbil li ma' tiġix mixtrija tali pompa, imma 'l quddiem tista terġa tkun ikkunsidrata.

27.2.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li kellu kummenti sbieħ fuq it-'Tieġ Malti'.
Inġibdet l-attenzjoni li parti mit-tabelli li twaħħlu biex jindikaw l-attivita' għadhom imwaħħlin. Kien hemm qbil li ċ-Chairperson jitkellem mal-Kumitat tas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina fuq dan ir-rigward.

27.2.3 Fir-rigward tal-appuntament li sar bejn il-Perit Anthony Bezzina u l-kuntrattur Agius Stone Works fuq xogħol ta' restawr li sar fuq l-istatwa ta' Santa Marija f'Bubaqra, kien hemm qbil li tinkiteb email liż-żewġ partijiet fejn jintalab rendikont tax-xogħol li sar u approvazzjoni biex isir il-pagament.

27.2.4 Kien hemm qbil li tiġi ordnata tabella ta' direzzjoni biex titwaħħal viċin l-istatwa ta' Santa Marija.

27.2.5 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia nforma lill-membri li qed issir tisqija kull nhar ta' Tnejn tal-pjanti u s-soft areas f'Bubaqra.

***27.3 Ilmenti***

27.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-ilmenti li għadhom pendenti.
Fir-rigward ta' ilment numru 23611016154093 kien hemm qbil li jsiru l-*yellow lines* wara li jkun hemm l-approvazzjoni mit-TM.

Fir-rigward ta' ilment numru 23612046163208 kien hemm qbil li ċ-Chairperson ser jiċċekja l-każ.

Fir-rigward ta' ilment numru 23612060164805 kien hemm qbil li jsir ir-refresh meħtieġ.

Fir-rigward ta' ilment numru 23612076166921 kien hemm qbil li x-xogħol tlesta.

Fir-rigward ta' ilment numru 23612064167057 kien hemm qbil li x-xogħol tlesta.

Fir-rigward ta' ilment numru 23612082167231 kien hemm qbil li l-każ hu magħluq minħabba li l-ħaxix jinsab fi plot privata.

Fir-rigward ta' ilment numru 23612014167233 kien hemm qbil li tali ilment jitressaq lill-pulizija.

Fir-rigward ta' ilment numru 23612005167865 kien hemm qbil li l-BIS qed jinżammu nodfa u m'hemmx il-bżonn li jiġu spustjati.

Fir-rigward ta' ilment numru 23612098168398 kien hemm qbil li il-każ jiġi diskuss mal-kuntrattur Schembri li għandu it-tender tar-resurfacing mal-Kunsill.

Fir-rigward ta' ilment numru 23612003168425 kien hemm qbil li it-triq għandha tarmakk ġdid u għalhekk m'għandiex tintmesx.

Fir-rigward ta' ilment numru 23612044168838 kien hemm qbil li jekk ir-residenta trid li l-bozza titwaħħal mar-residenza tagħha tiġi fl-uffiċċju tal-Kunsill biex timla l-applikazzjoni neċessarja.

27.3.2 Kien hemm qbil li tinkiteb ittra lir-residenti ta' parti minn Triq Santa Marija biex ma jibqgħux jipparkjaw fuq il-bankina minħabba ż-żjut li qed iħallu warajhom. Tintalab il-koperazzjoni tagħhom biex ma jkunx hemm bżonn li jittieħdu passi olterjuri.

27.3.3 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li hemm bżonn parking bay f'side road fi Triq San Leone. Kien hemm qbil fuq dan.

27.3.4 Il-membru Annetto Bugeja ġibed l-attenzjoni fuq dawn l-ilmenti:

- Jinqata' l-ħaxix minn fuq ħajt fi Triq l-Arċipriet E Mifsud
- Karozza abbandunata fi Triq Santa Fawstina ilhom isiru rapporti lill-għassa taż-Żurrieq imma għadu ma sar xejn.

27.3.5 Il-membru Joseph Caruana qalli hemm bżonn jiġu ordnati żewġ tabelli 'no entry for heavy vehicles' biex jitwaħħlu fi Triq Ħal Far fil-bidu u fit-tmiem tat-triq.

Kien hemm qbil fuq dan.

27.3.6 Il-membru Joseph Caruana qal li hemm bżonn li jitnaddfu l-bins tal-klieb li hawn madwar iż-Żurrieq.

Kien hemm qbil fuq dan.

27.3.7 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li s-Sindku avviċinah biex jekk il-Kumitat Amministrattiv irid jista jkollu r-write up tal-Kumitat Amministrattiv inkluż fil-'Kunsill News' u ma joħroġx fuljett separat 'Leħen Bubaqra'.

Kien hemm qbil unanimu li ġaladarba l-fuljett 'Leħen Bubaqra' beda joħroġ, ma jkunx xieraq li jitwaqqaf.

Kien hemm qbil li ġaladarba

***27.4 Appuntament għas-seduta li jmiss***

27.4.1 Id-data tas-seduta li jmiss fuq qbil bejn il-membri kollha ser issir nhar it-Tnejn 9ta' Lulju, 2012 fil-5.30 ta' filgħaxija.

27.4.2 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-*item* fuq l-aġenda fis-7.35 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Lulju, 2012.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**